MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2013

Numru. 1090/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**Vs**

**Ian Xuereb ta' 26 sena, iben Jesmond u Rosline nee' Camilleri, imwieled Pieta' nhar l-14 ta' Marzu 1987 u li joqghod Flat 3, Blokk 6, Triq il-Fosos, Floriana, u detentur tal-karta ta'l-identita' numru 149887(M)**

**U**

**Rosaline Xuereb, 44 sena, bint Emanuel Camilleri u Carmen nee' Pace, imwielda Hamrun nhar id-19 ta' Gunju 1969 u li toqghod Flat 3, Blokk 6, Triq il-Fosos, Floriana, detentrici tal-karta ta'l-identita nru. 312969(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Ian u Rosaline Xuereb akkuzati talli nhar it-18 ta' Ottubru 2012 ghal habta tas-7:30pm, gewwa Pjazza Sir Luigi Preziosi, u/jew l-istess dintorni, gewwa il-Floriana:

1. ikkomettew serq ta' flus u *mobile phone* tal-marka Nokia, liema serq hu ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-hin u bil-valur li ma jeccediex l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u li sar ghad-detriment ta' Ftsum Zekaryas Sbhatu u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. Bla ordni skond il-ligi ta'l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti is-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Ftsum Zekaryas Sbhatu kontra l-volonta tieghu;

**Lil Rosaline Xuereb wahedha, akkuzata talli fl-istess data, hin, post u cirkostanzi**:

3. fi triq jew f'post pubbliku, jew f'post espost ghall-pubbliku, tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghall-skopijiet ohra immorali.

**Filwaqt li lil Ian Xuereb wahdu, akkuzat talli fl-istess data, hin, post u cirkostanzi**:

4. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Ftsum Zekaryas Sbhatu, skond kif iccertiika Dr. Victor Buhagiar M.D. mill-Poliklinika tal-Floriana.

5. Finalment akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta'l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta b'sentenzi definttivi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

Rat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tad-29 ta' Mejju 2013;

Semghet lill-imputati jiddikjaraw illi ma kellhomx oggezzjoni illi dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti;

Rat id-dokumenti esebieti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi akkwiziti fl-atti jirrizulta illi fil-lejla tat-18 ta' Ottubru 2012 ghal habta tas-7:30 ta' fil-ghaxija sehh inkontru bejn l-imputata Rosaline Xuereb u l-parti leza Ftsum Zekaryas Sbhatu. Ic-cirkostanzi li wasslu sabiex dawn it-tnejn minn nies jiltaqghu mhumiex cari. Illi fir-rapport li jaghmel il-parti leza *a tempo vergine* lill-pulizija, huwa ighid li gie avvicinat minn Xuereb ghal inkontru sesswali vicin il-venda tal-karozzi tal-linja fil-Belt. Huwa accetta dina l-istedina u ighid illi l-imputata haditu fil-gnien tal-Furjana. Meta wasslu hemmhekk huwa gie aggrediet minn iben Xuereb, l-imputat Ian Xuereb u anke mill-imputata fejn hemmhekk sefa' derubat mill-ammont ta' €130 u mil-mobile phone Nokia tieghu. Ighid illi Xuereb tah daqqa fuq ghonqu, filwaqt li l-imputata zammitu minn halqu. Meta telquh huma telqu jigru u Ftsum mar jigri warajhom u osserva illi dahhlu gewwa blokk ta' appartamenti gewwa l-Furjana. Dana il-blokk susegwentment jindikah lill-pulizija tant illi huma jirnexxielhom jasslu ghal persuni ta'l-imputati.

Meta imbaghad jixhed fil-Qorti, l-parti leza, li huwa mill-Eritreja, u ghalhekk permezz ta' interpretu, jaghti l-istess verzjoni, madanakollu ibiddel ir-raguni li wassal ghall-inkontru bejnu u bejn l-imputata. Hawnhekk issa jispjega illi gie imwaqqa mill-imputata ghaliex dina ta'l-ahhar tallbitu biex tuza it-telefon cellulari tieghu. Hu accetta u ghaddiehulha. Ighid illi hawnhekk sehhet l-agressjoni minnha u minn binha fejn sefa derubat. Fil-Qorti igharaf liz-zewg imputati bhala l-istess persuni illi aggredewh.

Illi l-parti leza li kellu problema kbira biex jikkomunika peress illi ma jifhimx bil-Malti u lanqas bl-Ingliz, jikseb l-ghajnuna minn ghand is-suldat li kien ghassa mal-Ambaxxata Taljana gewwa il-Furjana fejn bi tit kliem bl-Ingliz u bil-gesti huwa ifhiemu dak li kien gara. Is-suldat Bonnici jispjega illi Ftsum deher imbikkem u beda anke jibki tant illi huwa cempel lis-superjuri tieghu ghall-assistenza, fejn ftit tal-hin wara wasslu fuq il-post is-surgent Emanuel Chircop u is-suldat Stephen Meilak fejn Ftsum rega spjegalhom bil-mod kif seta illi kien gie misruq. Dawn il-membri tal-Forzi Armati ghalhekk jikkuntattjaw lill-pulizija tal-Ghassa tal-Belt sabiex dawn setghu ikomplu bl-investigazzjonijiet taghhom[1]. Meta wasslu il-pulizija, Ftsum jerga jispjegalhom dak li kien sehh u jindikalhom il-blokk ta'l-appartamenti fejn dahhlu il-malviventi. Huwa jahti deskrizzjoni ta' dawn it-tnejn minn nies bhala persuni ta' madwar ghoxrin sena, it-tnejn irqaq u anke jaghti deskrizzjoni ta' dak li kienu lebsin. Minn hawn il-pulizija irnexxielhom jasslu ghal persuna ta'l-imputat, izda ghalkemm inizjalment kien hemm suspett illi l-persuna suspettata l-ohra setghet kienet it-tfajla ta'l-imputat, madanakollu meta l-istess Jessica Muscat tigi interrogata mill-Ufficjal Prosekutur u anke meta tixhed fil-qorti dina tispjega illi hija kienet hassret ir-relazzjoni ma'l-imputat madwar tlett xhur qabel il-kaz. Il-parti leza, imbaghad bejn gesti u sinjali jindika lill-Ufficjal Prosekutur li il-mara kienet iktar mibruma fil-figura taghha u ghalhekk il-pulizija imbaghad jasslu ghal persuna ta'l-imputata.[2]

Illi l-pulizija kellhom diffikulta kbira sabiex jarrestaw lill-imputati billi ghalkemm marru diversi drabi ihabbtulhom fl-appartament fejn kienu ighixu dawn baqghu ma fethux u fl-ahhar il-pulizija kellha tisgassa il-bieb u sabet lill-imputati it-tnejn fis-sodda bil-hwejjeg ta' taht. Huma ighidu illi it-tisbit u l-ghajjat tal-pulizija ma kenux semghuh ghax kienu reqdin.[3]

---

[1] Ara xhieda ta' Emanuel Chircop, Stphen Meilak u Anthony Bonnici a fols. 38, 2 u 73 rispettivament

[2] Ara xhieda ta' PC125 Melchior Bruno, a fol. 55 u WPC27 Alison Formosa u Dokument AF a fol.45

[3] Ara xhieda tal-Ufficjal Prosekutur a fol.59

L-imputati jigu arrestati u interrogati fejn jirilaxxjaw stqarrija[4]. Illi l-imputata Rosaline Xuereb fl-istqarrija taghha ghall-ewwel tispjega illi hija kienet harrget taghmel passiggjata, meta giet segwieta minn erba irgiel ta' nazzjonalita Gharbija. Dawn bdew jittantawha izda hija baqghet miexja sakemm huma telqu u hija baqghet sejra lejn id-dar taghha fil-Furjana fejn f'dawk il-granet kien hemm it-tifel taghha jirrisjedi maghha. Tinnega illi f'xi hin tfaccja it-tifel taghha l-imputat u li kien hemm xi konfrontazzjoni bejnu u bejn wiehed minn dawn l-irgiel. Iktar 'il quddiem fl-istqarrija taghha madanakollu hija tammetti illi it-tifel taghha, l-imputat, gie jiltaqa' maghha ghax ried ic-cavetta tad-dar u kien involut fi glieda ma' Gharbi sabiex jiddefendieha.

Meta imbaghad taghti ix-xhieda taghha issostni illi kienu ittantawha xi irgiel meta harrget ghall-passeggjata, imbaghad tghid illi spicca wiehed wahdu li ipprova jaqbadha. Meta hija ippruvat trazznu, tghid illi dana hatafha, qattaghlha il-flokk u anke ghamillha girfa fuq sidirha. F'dan il-mument wasal it-tifel taghha li beda jiggieled mieghu biex jiddefendieha. Wara dan it-tifel taghha ghena sakemm wasslet id-dar.[5]

Illi l-imputat Ian Xuereb fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija jispjega illi hareg ifittex lil ommu ghax kellu bzonn ic-cavetta tad-dar. Mar ifittixha fil-postijiet fejn hija solitu tmur ghall-passeggjata. Ighid ili f'xi hin lemahha riesqa lejh u vicin taghha kien hemm wiehed iswed. Ghalhekk mar fuqhom u staqsiehom x'kien qed jigri fejn ommu wegbitu illi dan ir-ragel kien qed jaghtiha fastidju u hawnhekk Xuereb ighid illi hu u dana ir-ragel gew fl-idejn meta huwa qallu biex jitlaq 'l hemm. Fix-xhieda tieghu, imbaghad, l-imputat ghalkemm essenzjalment jikkonferma l-istess verzjoni izid illi dina l-persuna kienet aggrediet lil ommu, qattaghlha il-flokk u sabha b'girfa fuqha[6].

Illi t-tnejn li huma jinneggaw illi serqu xi telefon cellulari jew xi flus minn ghand il-parti leza ghalkemm

[4] Ara stqarrija ta' Rosaline Xuereb a fol. 27 u stqarrija ta' Ian Xuereb a fol.23
[5] Ara xhieda Rosaline Xuereb a fol.124
[6] Ara xhieda ta' Ian Xuereb a fol.134

jikkonfermaw illi f'dik il-lejla huma kienu iltaqghu mieghu u kien hemm konfrontazzjoni bejniethom.

Illi ir-res furtiva ma gietx misjuba mill-pulizija.

Illi essenjalment dawn huma l-provi li hemm fl-atti dwar il-fattispecje ta' dana il-kaz.

Ikkunsidrat,

Illi l-Qorti mal-ewwel tistqarr illi lill-imputati ma temminhomx. Ibda biex it-tnejn li huma jaghtu verzjoni wahda fl-istqarrijiet taghhom meta jigu interrogati, imbaghad jaghtu verzjni ohra meta jixhdu fil-Qorti. L-imputata Rosaline Xuereb sahansitra fl-istess stqarrija tbiddel il-verzjoni taghha meta tigi rinfaccjata mill-Ufficjal Investigattiv bi provi cari li kienet qed tigdeb.

Illi minn naha tieghu il-parti leza, ghalkemm kellu diffikulta kbira biex jikkomunika billi ma setax jinsab l-ebda persuna li kapaci tifhem il-lingwa tieghu u taghmel traduzzjoni tajba ghall-lingwa Maltija ta' dak li kien qed ighid, madanakollu jibqa isostni il-verzjoni tieghu illi huwa kien gie misruq mill-imputata u minn binha. Fil-fatt wara l-agressjoni huwa jitlaq jigri warajhom u jarhom dehlin fl-appartment fejn iktar tard huma jigu misjuba mill-pulizija. Huwa bl-assistenza tal-parti leza illi l-pulizija jirnexxielha tasal ghaz-zewg imputati. Illi mix-xhieda tas-suldati tal-Forzi Armati li taw l-ewwel assistenza lil Ftsum jidher illi dana ir-ragel kien imbikkem minhabba f'dak li kien gralu u mal-ewwel beda jinsisti illi dawn it-tnejn minn nies kienu serquh, verzjoni illi huwa jibqa' isostni man-nies kollha li kellmuh, inkluz meta jixhed fil-Qorti. Fil-fatt l-parti leza tidentifika liz-zewg imputati bhala l-istess persuni li kienu aggredewh u serquh. Inoltre minn ezami mediku li sar fuq il-parti leza ftit hin wara l-incident jirrizulta illi huwa kien qieghed isofri minn griehi hfief kompatibbli mal-agressjoni li huwa kien issubixxa[7].

---

[7] Ara certfikat mediku esebiet a fol.22 u ix-xhieda ta' Dr. Victor Buhagiar a fol.71

Illi l-Qorti issibha kemmxejn stramba ukoll kif l-imputati kienu tant reticenti illi jifthu lill-pulizija meta dawn gew ihabbtulhom fid-dar taghhom ghalkemm, skond dak li ighidu huma, ma kienu ghamlu xejn hazin. Illi l-Qorti hija tal-fehma illi huma bdew jippruvaw jistahbew mill-pulizija sabiex ma jinqabbdux.

Illi finalment il-Qorti tosserva illi ghalkemm il-parti leza ibiddel xi fatti li sehhew u cioe' rigward dak li wassal ghall-inkontru bejnu u bejn l-imputata, madanakollu ghar-rigward ta' dak li sehh fil-mument illi huwa sefa aggredit u derubat dejjem jibqa konsistenti. Li kieku il-verzjoni tal-imputati kienet minnha, il-Qorti ma tara l-ebda raguni il ghala il-parti leza kellha tmur tfittex l-assistenza tal-forzi ta'l-ordni, kif fil-fatt ghamlet fi stat imbikkem. Illi ma hemmx dubbju ghalhekk illi l-imputati kellhom  l hekk imsejjah common design. Dana huwa ippruvat mill-azzjonijiet li ipprecedew is-serqa billi l-parti leza ighid illi l-imputata ghamlitlu idejha ma' halqu fil-waqt illi l-imputat gie minn warajh u tah daqqa fuq ghonqu u imbaghad it-tnejn li huma hadulu l-flus filwaqt li l-imputat hadlu ukoll it-telefon cellulari. Wara dan it-tnejn li huma telqu jigru minn fuq il-post.

Illi fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju jidher illi lill-imputati qed jigi addebitat b'mod ewlieni ir-reat tas-serq aggravat bil-vjolenza, bil-valur u bil-hin. Illi dawn l-aggravji, ghajr ghal dak tal-valur, jirrizultaw sodisfacentement ippruvati billi ma hemmx dubbju illi is-serqa sehhet bi vjolenza meta l-imputati aggredew lill-parti leza u ikkagunawlu griehi ta' natura hafifa, bil-hin billi is-serqa sehhet wara inzul ix-xemx. Illi fir-rigward ta'l-aggravju tal-valur, ghandu jinghad illi ghalkemm il-parti leza jikkontendi illi insterqulu l-ammont ta' €130 u telefon cellulari, madanakollu huwa ma jipprezenta l-ebda prova dwar il-valur ta' dana it-telefon u dettalji ohra bhal il-mudell tieghu u kemm kien ilu li xtrah. Kwindi fin-nuqqas ta' dina il-prova il-Qorti ser tillibera lill-imputati minn dana l-aggravju.

Illi l-Avukat Generali jindika ukoll id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 86 fil-konfront taz-zewg imputati u l-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 fil-konfront ta'l-imputata. Illi mill-provi

akkwizti ma jirrizultax illi dawn ir-reat gew ippruvati. Illi ma hemmx prova fl-atti illi l-imputati ghal xi hin zammew jew issekwestraw lill-parti leza. Huma aggredewh u serquh izda ma jidhirx illi zammewh kontra il-volonta tieghu. Illi lanqas ma jirrizulta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi f'dik il-lejla l-imputata Rosaline Xuereb harrget mid-dar taghha mhux ghal passeggjata, izda biex titlajja ghal skopijiet ta' prostituzzjoni. Kwindi l-imputati ser jigu illiberati minn dawn l-akkuzi.

Illi finalment l-imputat Ian Xuereb jinsab akkuzat ukoll illi ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-parti leza, kif ukoll li huwa recidiv. Illi ghar-rigward ta'l-offiza ta' natura hafifa, ghandu jinghad illi ghalkemm huwa minnu illi l-imputat ta xi daqqiet lill-parti leza, madanakollu jidher mix-xhieda tal-parti leza li anke Rosaline Xuereb kienet kompartecipi f'dan billi zammitu minn halqu u anke tatu xi daqqiet. Kwindi l-imputat ser jinsab hati ta' komplicita fil-kummissjoni ta' dana ir-reat.

Illi finalment ma hemmx dubbju illi l-imputat huwa recidiv u dana skond kif jirrizulta mix-xhieda ta'l-Ispettur Pierre Grech u s-sentenza esebieta minnu[8]. Madanakollu l-Qorti ma tistax tapplika l-artikolu 50 ghal dana il-kaz billi s-sentenza esebieta inghatat fid-09 ta' Ottubru 2007 u kwindi 'il fuq minn hames snin qabel ma' gie kommess ir-reat odjern.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti ma tistax tinjora il-fatt illi f'dana il-kaz hawn omm u iben li ilhom zmien twil afflitti minn problema ta' droga. Il-Qorti tqies ghalhekk illi piena karcerarja effettiva ma tkunx idonja ghal dana il-kaz u tittama illi dawn it-tnejn minn nies ifittxu l-ghajnuna li ghandhom bzonn.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(a) u (f), 262(1)(a), 270, 274(d), 277(a), 280(2), 31, 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-konfront ta'l-imputat Ian Xuereb wahdu ukoll l-artikoli 42, 214, 215, 221(1), 17(h) u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tillibera lill-

---

[8] Xhieda a fol.104 u sentenza Dokument PG a ol 106

imputati mit-tieni akkuza u mill-aggravju tal-valur in konnessjoni mal-ewwel akkuza, u tillibera lill-imputata Rosaline Xuereb mit-tielet akkuza, issibhom hatja tal-kumplament ta’l-akkuzi migjuba il-konfront taghhom u tikkundannhom ghal perijodu ta’ sentejn prigunerija, li wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, dana il-perijodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba’ snin mil-lum.

Finalment wara li rat l-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tqieghed lill-hatja taht Ordni ta’ Supervizjoni ghal zmien erba snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkomettu reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina is-sentenza jew jekk jiksru l-Ordni ta’ Supervizjoni imposta fuqhom illum.

Il-Qorti tordna illi kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Probation Services skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------